# *Kwadru jitkellem*

## *L-ISQOF KAPPUĊĊIN ANTON MARIA BUĦAGIAR*

**Tony Terribile**



Ftit wara li ġejt mitlub nikteb dan l-artiklu, kont Birkirkara għall-festa tas-Salib Imqaddes. Kont għadni ntella' u nniżżel fuq liema suġġett fi ħsiebni nikteb meta dħalt fis-sagristija u għajnejja waqgħu fuq in-numru ta' kwadri li huma mdendla mal-ħitan ta' din is-sagristija. Kollha kemm huma fihom storja u tifkira. Huma kollha kwadri li jitkellmu. Dak il-ħin iddeċidejt li minn din is-sena nibda nikteb dwar dawn il-persunaġġi u r-rabta tagħhom ma' Birkirkara.

Din is-sena se nwaqqfu l-ħarsa tagħna fuq il-kwadru mpitter minn Lazzru Pisani li fih naraw lill-Isqof Kappuċċin Anton Maria Buħagiar. Kien dan l-Isqof li ġab is-salib pettorali lill-kanonċi ta' Birkirkara. Kemm hu hekk, barra l-kitba Latina li naraw taħtu li tfakkar dan l-avveniment, fuq in-naħa tax-xellug, naraw li l-pittur Pisani pitter is-salib li sa' llum għadhom jilbsu l-biċċa l-kbira tal-kanonċi ta' din il-Kolleġġjata.

Min kien dan l-Isqof Kappuċċin? Għalkemm Malti, l-Isqof Buħagiar twieled Ċefalonja fid-19 ta' Novembru tas-sena 1846 minn ġenituri Maltin, Ġużeppi Buħagiar minn Ħaż-Żebbuġ u Maria Conċetta Attard mill-Furjana. Dawn kienu emigraw lejn il-gżejjer Joniċi l-Greċja fl-ewwel snin tas-seklu dsatax.

Mill-ewwel wera l-ħajra li jsir reliġjuż Kappuċċin, u ġie Malta għand xi qraba tiegħu u fl-20 ta' Diċembru 1863 hu ngħaqad mall-Kappuċċini u għadda l-ewwel snin tal-formazzjoni tiegħu fil-Kunvent ta' Santa Liberata l-Kalkara.

Is-superjuri tiegħu għarfu mill-ewwel it-talenti tiegħu, u fuq talba tal-provinċjal, il-patri ġeneral ta' l-Ordni bagħtu jkompli jipperfezzjona l-istudji tiegħu barra minn Malta.

Hu kien kiseb riżultati tajbin fil-lingwi Griega, Ebrajk, Franċiża u Spanjola. L-Isqof Gaetano Pace Forno fit-18 t'Ottubru 1869 ordnah saċerdot u l-ġeneral ta' l-Ordni tah il fakultà "Summa Cum Laude" f'Ġunju 1871 u kien offrielu wkoll li jkun lettur tal-Filosofija iżda Patri Anton Maria Buħagiar irrifjuta din l-offerta, billi ried jaħdem fil-qasam pastorali.

Bħala saċerdot ġdid, waħda mill-ewwel ħidmiet tiegħu kienet ta' assistent tal-patri kappuċċin responsabbli taċ-ċimiterju tal-Addolorata li allura dan kien għadu fil-bidu tiegħu.

Fit-2 ta' Mejju 1872 hu telaq lejn Tuneż fejn ġie maħtur missjunarju appostoliku tal-Kongregazzjoni Propoganda Fide. Il-ħidma ewlenija tiegħu kienet mal-Maltin li kienu jgħixu fi Sfax. Għadda tnax-il sena f'din il-ħidma u kompliha, wkoll wara li laħaq Isqof.

Fil-bidu tal-1880, l-Isqof ta' Malta, Monsinjur Carmelo Scicluna, kien magħfus sewwa, u għalhekk kienet qiegħda tinħass il-ħtieġa ta' isqof ġdid biex jgħinu. F'dawk iż-żminijiet, il-protestantiżmu f'Malta kien qiegħed fl-aqwa tiegħu, kien diġà qabad sew, u għalhekk kien hemm nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet tal-Knisja f'Malta u l-awtoritajiet Ingliżi.

Fl-imgħoddi dawn kellhom id-dritt li jirrikmandaw għall-għażla ta' l-isqof il-ġdid. Għal din il-għażla ta' isqof ġdid, għaddiet korrispondenza twila bejn il-Vatikan u l-Ingliżi. Dawn kellhom ix-xewqa li tingħażel persuna li ma kenitx tgħix Malta filwaqt li l-gvernatur Simmons ried li Monsinjur Pietro Pace, li allura kien isqof Għawdex, jingħażel isqof Malta.

Il-Papa Ljun XIII kien jaf li l-Kardinal Lavigerie kellu kuntatt tajjeb mal-Maltin ta' Tuneż u wkoll ma' bosta Maltin f'Malta u għalhekk talab il-parir tiegħu għal għażla tal-Isqof Koadjatur għal Malta. Kien dan il-Kardinal li rrikmanda li l-Patri Anton Maria Buħagiar biex ikun isqof.

F'Ġunju tal-1884 hu ġie msejjaħ mill-Vatikan u l-awtoritajiet stqarrewlu li fis-sitwazzjoni li fiha kienet tinsab id-djoċesi Maltija, hu kien il-persuna adattata għal din il-kariga. Wara li talab u kkonsulta ruħu, hu aċċetta u fit-12 t'Awissu tas-sena 1884, il-Kardinal Lavigerie kkonsagrah bħala Isqof.

Il-gvernatur Simmons kien kontra li Buħagiar jiġi Malta, iżda l-awtorijatjiet Ingliżi u Vatikani kienu favur u fil-fatt hekk sar billi hu ġie maħtur Amministratur

Appostoliku għal Malta. Wasal Malta fit-23 t'April 1885 u disat ijiem wara ħareġ l-ewwel ittra pastorali tiegħu.

Kienu żminijiet diffiċli, u għalkemm l-Isqof Buħagiar ġie Malta bil-barka tal-Vatikan u tal-Ingilterra, f'Malta sab oppożizzjoni minn naħa tal-gvernatur u minn xi membri tal-kleru djoċesan.

B'danakollu l-Isqof Buħagiar mexxa u mexxa tajjeb u kien maħbub mill-poplu, iżda fl-1891 , hu ġie maħtur delegat appostoliku għas-Santa Sede f'San Domingo, Haiti u Venezuela iżda ftit wara li wasal biex iwettaq il-missjoni tiegħu miet nhar l-10 t'Awissu tas-sena 1891. Kellu biss 45 sena.

Barra dan il-kwadru fis-sagristija ta' Birkirkara, nsibu aktar kwadri tiegħu fil-kunventi Kappuċċini, fil-palazz arċiveskovili l-Imdina u fis-sagristiji tal-Parroċċi tal-Porto Salvo u San Pawl, il-Belt Valletta.

Sliema, 29 ta' Mejju 1998